

Brussell, 6 ta' Frar 2018
(OR. en)

5977/18

JUR 56
COUR 6
INST 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14833/17

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 14/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat
"Analiżi tal-Prestazzjoni tal-ġestjoni ta' kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-
Unjoni Ewropea"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7/8 ta' Diċembru 2017

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Analiżi tal-Prestazzjoni tal-ġestjoni ta' kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea" adottati mill-Kunsill fit-3583 laqgħa tiegħu li saret fis-7/8 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat
"Analiżi tal-prestazzjoni tal-ġestjoni ta' kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri, li jipprovdi valutazzjoni fil-fond dwar l-effiċjenza tal-proċeduri tal- ġestjoni ta' kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tinżamm l-indipendenza tal-Qorti fl-attività ġudizzjarja tagħha kif ukoll is-segretezza tad-deliberazzjonijiet tagħha. JILQA' r-reazzjoni dettaljata tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u JIRRIKONOXXI r-rieda tagħha li twettaq segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula.
- (2) JIRRIKONOXXI li l-isforzi ta' ġestjoni u l-miżuri proċedurali mwettqa mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali wasslu biż-żmien għal tnaqqis fil-medja tat-tul tal-proċedimenti fiż-żewġ Qrati u, b'mod partikolari, fl-2015, tal-ġhadd ta' każijiet b'lura quddiem il-Qorti Ġenerali, minkejja żieda sinifikanti fl-ġhadd ta' każijiet ġodda.
- (3) JINKORAĠĠIXXI lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tagħti deċiżjonijiet ġudizzjarji fi żmien raġonevoli, filwaqt li jinżamm l-ogħla standard ta' kwalità, bl-użu ta' fondi pubbliċi għad-dispożizzjoni tagħha bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli.
- (4) JAPPOĠĠA f'dan ir-rigward ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li jenħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tikkunsidra li teżamina l-aħjar mod kif twettaq monitoraġġ fuq l-użu tar-riżorsi umani allokat għal kawża partikolari u l-possibbiltà li jiġu stabbiliti skadenzi indikattivi differenzjati adattati għall-komplessità u t-tipoloġija tal-kawżi u li tippubblika statistika aktar dettaljata dwar it-tul tal-proċedimenti.

(5) IQIS li r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li ssir possibbli allokazżjoni aktar flessibbli tas-segretarji legali (*référéndaires*) hi kwistjoni li taqa' taħt l-organizzazzjoni interna tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u li għalhekk, hi l-Qorti stess li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tgħin biex jittaffew il-problemi li jirriżultaw minn fatturi marbutin mal-ġestjoni tar-riżorsi jew kwistjonijiet organizzattivi. IFAKKAR, f'dan il-kuntest, li t-tielet stadju tar-riforma tal-Qorti Ġenerali, li għandu jitlesta fl-2019, ma għandux jinvolvi r-reklutaġġ ta' segretarji legali addizzjonali jew ta' persunal ieħor ta' appoġġ. Jenħtieġ li l-miżuri ta' riorganizzazzjoni interna fi ħdan l-istituzzjoni jiżguraw li jsir użu effiċjenti tar-riżorsi umani eżistenti¹.

(6) JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa ta' nomini u ħatriet rapidi tal-imħallfin kif osservat mill-Qorti tal-Awdituri, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-ħatra tal-imħallfin u tal-avukati ġenerali hi l-prerogattiva tal-gvernijiet tal-Istati Membri u tikkostitwixxi r-riżultat ta' proċess kumpless li jinkludi l-opinjoni tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE dwar l-idoneità tal-kandidati.

(7) IQIS li l-għażla tal-lingwa użata għad-deliberazzjoni hi kwistjoni li taqa' taħt l-awtonomija ġudizzjarja u l-organizzazzjoni interna tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u li għalhekk, hi l-Qorti tal-Ġustizzja stess li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tivvaluta l-impatt ta' kwalunkwe bidla fil-prattika attwali tagħha fuq l-effiċjenza u l-kwalità tal-attività ġudizzjarja tagħha.

(8) JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tiġi implimentata sistema tal-IT kompletament integrata biex tkun ta' sostenn għall-ġestjoni tal-kawżi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(9) JAPPELLA lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, biex tieħu kont dovut ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill meta twettaq segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri.

¹ Ara l-Premessa (10) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 341, 24.12.2015, p. 14.